

**Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)**

13991/18

**CFSP/PESC 1021
DEVGEN 186
CLIMA 203
COPS 417
ENV 729
ONU 96
RELEX 942**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Diplomazija fil-Qasam tal-Ilma - konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija fil-Qasam tal-Ilma kif adottati fit-3652 laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ID-DIPLOMAZIJA FIL-QASAM TAL-ILMA

IL-KUNSILL adotta l-Konklużjonijiet li ġejjin:

INTRODUZZJONI

1. L-ilma huwa prerekwiżit għas-sopravivenza u d-dinjità tal-bniedem u bażi fundamentali għar-reżiljenza kemm tas-soċjetajiet kif ukoll tal-ambjent. L-ilma huwa kruċjali għan-nutrimient u s-saħħa tal-bnedmin, u essenzjali għall-ġestjoni tal-ekosistemi, l-agrikoltura, l-enerġija u s-sigurtà ġenerali tal-pjaneta. Li jiġi żgurat aċċess sostenibbli għal ilma sikur u sanità, li tinkiseb ġestjoni sostenibbli tal-ilma, u l-prevenzjoni tal-iskarsezza u t-tnaqqis tal-għargħar huma sfidi dinjin ewlenin tas-seklu 21, meta d-dinja qed tħabbat wiċċha ma' popolazzjoni li qed tikber, u li qed tintlaqat dejjem aktar mit-tibdil fil-klima. Billi l-biċċa l-kbira tar-riżorsi globali ta' ilma ħelu jaqsmu l-fruntieri, il-ġestjoni sostenibbli u effettiva tagħhom hija kwistjoni internazzjonali, fil-livell sottonazzjonali, bilaterali, reġjonali jew dak multilaterali.
2. It-tensjonijiet u l-konflitti dwar l-aċċess għall-ilma u l-użu tiegħu qed ikomplu jiżdiedu, fosthom l-effetti transkonfinali ta' konflitti marbutin mal-ilma fil-pajjiżi, hekk kif id-disponibbiltà u l-kwalità tar-riżorsi tal-ilma u tal-ekosistemi tad-dinja jmorru għall-agħar, u t-theddida tal-iskarsezza tal-ilma tinfirex. L-iskarsezza tal-ilma għandha l-potenzjal li taffettwa l-paċi u s-sigurtà, ir-riskji marbutin mal-ilma jista' jkollhom konsegwenzi umani u ekonomiċi serji – li kollha kemm huma jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għall-UE, inkluż permezz tal-flussi tal-migrazzjoni.
3. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ilma fil-livelli kollha hija dejjem aktar importanti f'dan il-kuntest. F'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ilma u l-Grupp Globali ta' Livell Għoli dwar l-Ilma u l-Paċi, huwa meħtieġ impenn politiku ta' livell għoli biex jiġi evitat u jittaffa l-potenzjal ta' konflitti marbutin ma' ilmiġiet kondiviżi u biex jitrawmu l-paċi u l-istabbiltà.

4. Hemm bżonn li jiġu indirizzati l-konsegwenzi marbutin mal-ilma tat-tibdil fil-klima, inkluż billi jinbnew sinerġiji bejn id-diplomazija fil-qasam tal-ilma u d-diplomazija dwar il-klima, kif jingħad fil-konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-Diplomazija dwar il-Klima tas-26 ta' Frar 2018.

L-ILMA U S-SIGURTÀ, L-ISTABBILTÀ U L-PREVENZJONI TA' KONFLITTI

5. Il-Kunsill għandu r-rieda li jsaħħaħ l-impenn diplomatiku tal-UE dwar l-ilma, bħala għodda għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà. Id-diplomazija tal-UE fil-qasam tal-ilma irid ikollha l-għan li tiffaċilita l-prevenzjoni, it-trażżin u r-risoluzzjoni tal-konflitti, li tagħti kontribut għall-ġestjoni ġusta, sostenibbli u integrata tar-riżorsi tal-ilma mis-sors sal-baħar, u li tippromwovi r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-ilma. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ilma jeħtieġ li tintuża għall-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali, u biex tiġi indirizzata l-instabbiltà politika.
6. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-użu tal-ilma bħala arma tal-gwerra: f'dan il-kuntest, il-qerda ta' infrastrutturi tal-ilma, it-tniġġis tal-ilma jew id-devjazzjoni ta' passaġġi tal-ilma bl-għan tal-limitazzjoni jew il-prevenzjoni tal-aċċess għall-ilma jistgħu jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali.
7. L-UE għandha tradizzjoni twila u esperjenza pożittiva ta' kooperazzjoni dwar l-ilma, u ser taħdem fuq inizzjattivi biex taqsam l-esperjenza u l-għarfien tagħha ma' pajjiżi sħab, b'mod partikolari f'kuntesti fraġli.
8. F'parti kbira mil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, it-taħlita ta' ċikli ta' nixfa rikorrenti, skarsezza fiżika u kwalità fqira tal-ilma, konflitti armati, ċaqliq sfurzat, governanza fqira tal-ilma u l-prestazzjoni dgħajfa tal-istituzzjonijiet qed tagħti kontribut għal kriżi tal-ilma dejjem akbar. F'każijiet oħrajn, bħall-baċir tal-Lag Chad jew il-Baħar Aral, is-sorsi tal-ilma qed jonqsu b'mod drammatiku u mistennija jbatu saħansitra aktar pressjoni minħabba użu mhux sostenibbli jew impatti tat-tibdil fil-klima. Il-bini ta' diġi kbar fi xmajjar internazzjonali bħan-
Nil jew il-Mekong jistgħu jikkontribwixxu għal tensjonijiet fost l-Istati li jinsabu tul ix-xmajjar u ż-żoni usa' milqutin. L-UE lesta tappoġġa l-isforzi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, fuq it-talba tal-partijiet kollha.

9. Ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE huma mistednin jiżguraw li s-sistemi ta' twissija bikrija għall-prevenzjoni ta' konflitti jqisu l-isfidi ta' sigurtà marbutin mal-ilma u jsaħħu r-rabta bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija fl-oqsma kollha ta' politika.
10. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mħeġġa wkoll ikomplu jibagħtu assistenza biex ikun possibbli l-aċċess għall-ilma u s-sanità inkluż fi kriżijiet umanitarji sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' tħejjija u prevenzjoni biex jiġu salvati l-ħajjiet, jittejbu s-sorsi għall-għajxien u l-kondizzjonijiet tal-għajxien u jingħata kontribut għar-reżiljenza tal-popolazzjonijiet milqutin minn diżastri jew konflitti.

KOOPERAZZJONI, ISTITUZZJONIJET U GOVERNANZA TRANSKONFINALI FIL-QASAM TAL-ILMA

11. Għan ewlieni tad-diplomazija tal-UE fil-qasam tal-ilma hija l-impenn fit-tul għat-trawwim ta' approċċi kooperattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi transkonfinali fil-qasam tal-ilma. L-UE tinsab lesta taħdem fi sħubija ma' oħrajn biex tippromwovi ġestjoni kollaborattiva u sostenibbli tal-ilma, filwaqt li thegheg u tappoġġa kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali. Diġà jeżistu eżempji tajbin ta' kooperazzjoni bħal din fil-baċir Mediterranju u fl-Amerka Latina. L-UE thegheg lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jiżviluppaw u jżommu arranġamenti transkonfinali, inkluż istituzzjonijiet u kummissjonijiet dedikati, biex ikunu kemm jista' jkun effettivi fil-livelli kollha, sabiex jiġu evitati tensjonijiet politiċi u ekonomiċi bejn l-istati u fi ħdanhom. Il-governanza, il-kapaċità ta' adattament u l-oqfsa istituzzjonali jaqdu rwol ewlieni fil-prevenzjoni ta' tensjonijiet u konflitti soċjali. Il-kooperazzjoni fuq riżorsi kondiviżi tal-ilma hija kruċjali biex jiġu żgurati paċi dejjiema u żvilupp sostenibbli.

12. Arranġamenti u ftehimiet transkonfinali effettivi, li jkunu globali, reġjonali jew bilaterali, jitolbu l-impenn u s-sehem tal-pajjiżi kollha li jinsabu tul ix-xmajjar u qrib għajn xmara. L-UE lesta wkoll tappoġġa djalogu kostruttiv bejn il-partijiet ikkonċernati fi proġetti ta' infrastruttura kbar b'impatti transkonfinali, sew jekk ikunu marbutin mal-kwantità tal-ilma u sew jekk ikunu marbutin mal-kwalità tiegħu. L-UE ttenni l-hteġa ta' konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-ambjent u s-sikurezza nukleari fl-iżvilupp ta' proġetti f'pajjiżi ġirien tal-UE li jkollhom impatt fuq ir-riżorsi transkonfinali tal-ilma. L-UE tilqa' d-djalogu kostruttiv dwar kwistjonijiet ta' ilma u enerġija fl-Asja Ċentrali, li diġà wassal għal ftehimiet inizjali, kif ukoll il-Pjattaforma tal-UE u l-Asja Ċentrali għall-Kooperazzjoni Ambjentali u fil-Qasam tal-Ilma.
13. L-UE ser tkompli tippromwovi l-adeżjoni ma' ftehimiet internazzjonali dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ilma u l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari l-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Helsinki dwar l-Ilma 1992) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Użu Mhux Navigazzjonali tal-Passaġġi tal-Ilma Internazzjonali (New York 1997), u ftehimiet internazzjonali rilevanti oħrajn. L-UE tilqa' l-ftuħ globali tal-Konvenzjoni ta' Helsinki dwar l-Ilma għal pajjiżi barra r-reġjun pan-Ewropew u ser tkompli tibni fuq il-komunikazzjoni pożittiva li saret fl-2018 billi tkompli tippromwovi u tappoġġa l-adeżjoni ta' pajjiżi oħrajn ma' din il-Konvenzjoni.
14. L-UE tintrabat li tippromwovi Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma integrata u governanza tal-ilma effettiva, sostenibbli u integrata. Hija essenzjali governanza msaħħa tal-ilma fil-livelli kollha biex ikun hemm stabbiltà fit-tul. Din teħtieġ istituzzjonijiet xierqa, data affidabbli, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, iż-żieda fl-għarfien u finanzjament. Għandha trawwem ġestjoni tal-ilma sostenibbli, dejjiema u reżiljenti għat-tibdil fil-klima kif ukoll il-kunsiderazzjoni ta' rabtiet bejn l-ilma, l-enerġija, is-sigurtà tal-ikel u l-ekosistemi. L-UE ser tkompli timpenja ruħha ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet reġjonali, awtoritajiet nazzjonali u lokali, il-komunitajiet u s-soċjetà ċivili għal dan il-għan, inkluż billi tuża l-aħjar prattiki u l-inizjattivi eżistenti, inkluż minn ċentri internazzjonali eżistenti kkofinanzjati mill-UE.

MA NĦALLU 'L ĦADD LURA - L-ILMA FL-AĠENDA 2030, IL-FTEHIM TA' PARIĠI
DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA: NAĦDMU MULTILATERALMENT

15. Kemm l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima jenfasizzaw ir-rwol transsettorjali tal-ilma u r-rabtiet b'saħħithom bejn l-ilma u bosta linji ta' politika: is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tibdil fil-klima, is-saħħa, is-sigurtà tal-ikel, l-enerġija, in-navigazzjoni interna, il-kontroll tat-tniġġis, il-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u l-ħtieġa ġenerali għal tkabbir li juża inqas riżorsi. L-użu ta' sinerġiji u t-tnaqqis kemm jista' jkun ta' kompromessi ser jiffaċilitaw l-implimentazzjoni effiċjenti u koerenti taż-żewġ aġendi. L-UE tappoġġa l-appell tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri biex l-infrastruttura kritika tal-ilma ġdida u eżistenti tkun aktar reżiljenti u biex tingħata importanza lis-sensibilizzazzjoni u t-titjib tal-għarfien dwar ir-riskji ta' diżastri marbutin mal-ilma u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà.
16. L-UE timpenja ruħha lejn id-drittijiet tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur u sanità, bħala komponenti tad-dritt għal standard adegwat ta' għajxien. L-UE tirrikonoxxi li d-dritt tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur jagħti dritt lil kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, li jkollu aċċess għal biżżejjed ilma, li jkun sikur, aċċettabbli, fiżikament aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq għall-użu personali u domestiku. L-UE tagħraf ukoll li d-dritt tal-bniedem għas-sanità jagħti dritt lil kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, li jkollu aċċess fiżiku u bi prezz li jintlaħaq għas-sanità, fl-isferi kollha tal-ħajja, li tkun sikura, iġjenika, sigura, soċjalment u kulturalment aċċettabbli u li tagħti privatezza u tiżgura dinjità. Bħala parti minn dan l-impenn, l-UE ser tkompli tappoġġa u tħares lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali.

17. L-UE ttenni l-impenn qawwi tagħha għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u tenfasizza li l-progress fl-Għan Nru 6 (l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd) hu essenzjali għall-kisba ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) oħrajn. Billi l-progress li sar sa issa ma kienx biżżejjed, kif wera r-Rapport ta' Sintesi dwar l-Ilma u s-Sanità għall-2018, l-UE impenjata li żżid dan l-isforz permezz tal-ħidma tagħha fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tappella lis-sħab u l-partijiet ikkonċernati kollha biex jieħdu l-passi ulterjuri meħtieġa biex jimplimentaw l-Għan Nru 6, il-miri tiegħu u l-SDGs l-oħrajn marbutin mal-ilma. Il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom jaqdu r-rwol tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi tal-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma (IWRM), inkluż fuq livell transkonfinali. Huma meħtieġa indikaturi u data aġġornati u affidabbli, mhux biss biex isir monitoraġġ tal-progress, iżda wkoll tintrefa' r-responsabbiltà u jkun hemm trasparenza.
18. In-nisa, il-bniet u ż-żgħażaġh jaqdu rwol kruċjali fil-kisba tal-iżvilupp tal-bniedem, u t-tkabbir inklużiv u sostenibbli. In-nisa huma partikolarment milquta min-nuqqas ta' aċċess għall-ilma u s-sanità, u jgħaddu minn firxa kbira ta' effetti, fosthom vjaġġi twal u kultant perikolużi biex iġibu l-ilma jew jużaw faċilitajiet ta' sanità u iġjene. Il-Kunsill itenni l-importanza li tiġi integrata l-perspettiva tas-sessi fid-diplomazija fil-qasam tal-ilma.
19. L-UE tisħaq fuq il-kontribut sinifikanti tal-Ekonomija Ċirkolari biex jiġi ffrankat l-ilma inkluż bl-użu mill-ġdid, tenfasizza r-rwol tas-soluzzjonijiet diġitali, ibbażati fuq it-teknoloġija u soluzzjonijiet oħrajn innovattivi, partikolarment soluzzjonijiet imsejsa fuq in-natura, u tteġġeg lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE jiffinanzjaw u jinċentivaw riċerka u sħubijiet dwar l-innovazzjoni fil-qasam tal-ilma, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati.
20. Hemm rabta essenzjali bejn l-ilma u t-tibdil fil-klima. Il-Komunikazzjonijiet ta' Adattament skont il-Ftehim ta' Pariġi joffru opportunità tajba biex jingħata tagħrif dwar azzjonijiet ta' implimentazzjoni għal ġestjoni sostenibbli u integrata tal-ilma f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030. Is-Summit tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Klima fl-2019 ser ikun avveniment importanti biex titqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa għal azzjoni aħjar fil-qasam tal-klima kemm fuq il-mitigazzjoni kif ukoll fuq l-adattament.

21. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu kontribut għal sforzi internazzjonali kkoordinati biex jiġu indirizzati d-dimensjonijiet multipli u trasversali tal-ilma b'mod komprensiv. B'rabta ma' dan, l-UE tilqa' d-diskussjonijiet li saru dan l-aħħar fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u f'fora oħrajn, li rabtu flimkien l-ilma, il-klima, il-paċi u s-sigurtà, u thegħgeġ lill-Istati Membri tal-UE biex ikomplu jinkludu dawn il-kwistjonijiet fil-konsultazzjonijiet u d-dibattiti tal-Kunsill tas-Sigurtà u fora rilevanti oħrajn. Filwaqt li tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma fil-livell multilaterali, l-UE tilqa' s-Summit ta' Forum Politiku ta' Livell Għoli fl-2019 u tenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni effettiva tal-ħidma tan-NU fuq l-ilma u s-sanità, partikolarment permezz ta' UN Water, biex ittejjeb il-koerenza, iżżid l-għarfien u tiffaċilita diskussjonijiet strateġiċi fis-sistema kollha, u l-ħtieġa ta' laqgħa ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-ilma. Tilqa' t-tnedija tad-Deċennju dwar l-Ilma 2018-2028 tan-NU, bħala kontribut biex jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-SDG Nru 6 u l-miri l-oħrajn marbutin mal-ilma tal-Aġenda 2030.

NERSQU LEJN AZZJONI AĦJAR

22. L-UE tikkonferma l-impenn kontinwu tagħha biex tindirizza l-isfidi fil-qasam tal-ilma madwar id-dinja. F'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u l-Kunsens Ġdid dwar l-Iżvilupp, l-UE tagħraf il-ħtieġa għal passi konkreti biex tissaħħaħ il-politika għaqlija fil-qasam tal-ilma, u biex l-isforzi, l-interessi u l-istrateġiji internazzjonali jiġu kkoordinati aħjar. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jħaddmu l-għodod kollha disponibbli biex jiżguraw li l-politiki u l-azzjonijiet integrati dwar l-ilma jindirizzaw il-firxa sħiħa ta' sfidi - politiċi u ta' sigurtà, marbutin mal-iżvilupp, umanitarji u ambjentali.
23. Il-Kunsill ihegħgeġ lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-kunsiderazzjoni meħtieġa lill-importanza tal-ilma u s-sanità fil-programmazzjoni tal-kooperazzjoni finanzjarja u teknika futura ma' pajjiżi sħab, inkluż fil-kuntest fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, filwaqt li jinkoraġġixxu investiment u sħubijiet tas-settur privat fl-infrastruttura u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ilma, sabiex jitneħħew in-nuqqasijiet ta' investiment li ma jistgħux jiġu koperti mill-finanzi pubbliċi biss.